32000R1526

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1526/2000

tat-13 ta' Lulju 2000

li jemenda l-Anness II mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru1255/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u prodotti mill-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/99 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u prodotti mill-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1040/2000 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 31 (14) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbiixxi l-arranġamenti kummerċjali li japplikaw għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-proċessar tal-prodotti agrikoli [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru No 2491/98 [4], jipprovdi illi ma' l-esportazzjoni ta' l-oġġetti, il-prodotti agrikoli li jkunu ġew użati jistgħu jikkwalifikaw għar-rifużjonijiet stabbiliti skond ir-regolamenti dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-setturi involuti.

(2) L-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 jipprovdi għar-rifużjonijiet fuq ċerti prodotti koperti bir-Regolament jekk dawn jiġu esportati fil-għamla ta' l-oġġetti elenkati fl-Anness II ta' miegħu.

(3) Bil-ħsieb ta' l-impenji tal-Komunità skond il-Ftehim ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ODK) dwar il-Biedja [5] u kemm ikunu disponibbli l-estimi finanzjarji, u bil-ħsieb ta' l-iżviluppi mistennija fil-prezzijiet tal-biedja fil-Komunità u fis-suq dinji u fl-esportazzjonijiet tal-prodotti agrikoli fil-għamla ta' l-oġġetti mhux elenkati fl-Anness I mat-Trattat, għandha tiġi ristretta l-possibbiltà li jingħataw rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli fil-għamla ta' l-oġġetti li fihom jistgħu jiġu inkorporati.

(4) B'riżultat ta' dan, il-lista ta' l-oġġetti fl-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 għandha tiġi emendata.

(5) Il-Kumitat Maniġerjali tal-Ħalib u l-Prodotti mill-Ħalib ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II mar-Regolament (KEC) Nru 1255/1999 jiġi mibdul bl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Ma għandux japplika għaċ-ċertifikati tar-rifużjonijiet maħruġa qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-13 ta' Lulju 2000.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 48.
[2] ĠU L 118, tad-19.5.2000, p. 1.
[3] ĠU L 318, tal-20.12.1993, p. 18.
[4] ĠU L 309, tad-19.11.1998, p. 28.
[5] ĠU L 336, tat-23.12.1994, p. 22.

ANNESS

"ANNESS II

Il-Kodiċi tan-NM	Id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti
ex 0405	Il-butir u l-grassijiet u ż-żjut l-oħra dderivati mill-ħalib; il-firxiet ta' l-irziezet tal-ħalib;
0405 20	– Il-firxiet ta' l-irziezet tal-ħalib
0405 20 10	– – ta' kontenut ta' grass, skond il-piż, ta' 39 % jew iktar imma inqas minn 60 %
0405 20 30	– – – B'kontenut ta' xaħam, skond il-piż, ta' 39 % jew iż jed imma mhux aktar minn 75 %
ex 1517	Il-Marġerina; taħlitiet li jittieklu jew tħejjijiet tax-xaħmijiet ta' l-annimali jew tal-ħxejjex ta' l-ikel jew iż-żjut jew frazzjonijiet tax-xaħmijiet jew iż-żjut differenti f'dan il-kapitolu, għajr ix-xaħmijiet jew iż-żjut li jittieklu jew il-frazzjonijiet tagħhom fil-kodiċi tan-NM bin-numru 1516
1517 10	– Il-Marġerina, bl-esklużjoni tal-marġerina likwida:
1517 10 10	– – li jkun fiha iktar minn 10 % imma mhux iktar minn 15 % fil-piż ta' grassijiet tal-ħalib
1517 90	– Oħrajn:
1517 90 10	– – li jkun fiha iktar minn 10 % imma mhux iktar minn 15 % fil-piż ta' grassijiet tal-ħalib
ex 1704	Il-Ħelu taz-zokkor (li jinkludi ċ-ċikkulata bajda), li ma jkunx fih kawkaw/kokotina:
ex 1704 90	– Oħrajn, bl-esklużjoni ta' l-estratt tal-likorizja li jkun fih iktar minn 10 % skond il-piż ta' sukrosi imma ma jkunx fih sustanzi oħra miżjuda
ex 1806	Iċ-Ċikkulata u tħejjijiet oħra ta' l-ikel li fihom il-kawkaw/kokotina, bl-esklużjoni tat-trab tal-kawkaw/kokotina mogħti l-ħlewwa biż-żieda biss tas-sukrosi tal-kodiċi tan-NM bin-numru 1806 10
ex 1901	L-estratt tal-maltu (malt); it-tħejjijiet ta l-ikel tad-dqiq, tal-qamħ mitħun oħxon, tal-lamtu jew ta' l-estratt tal-maltu, li ma jkunx fihom kawkaw/kokotina jew li jkun fihom inqas minn 40 % skond il-piż ta' kawkaw/kokotina kkalkolati fuq bażi mneħħi għal kollox mix-xaħmijiet, speċifikati jew inklużi; it-tħejjijiet ta' l-ikel ta' l-oġġetti fil-kodiċi tan-NM bin-numri 0401 sa 0404, li ma jkunx fihom il-kawkaw/kokotina jew ikun fihom inqas minn 5 % skond il-piż ta' kawkaw/kokotina kkalkolati fuq bażi mneħħi għall-kollox mix-xaħmijiet, speċifikati imkien ieħor:
1901 10 00	– It-tħejjijiet għall-użu tat-trabi, maħruġa għall-bejgħ bl-imnut
1901 20 00	– It-taħlitiet u l-għaġniet għat-tħejjija ta' l-oġġetti tal-bejgħ tal-furnana ta' l-intestatura Nru 1905 tal-kodiċi tan-NM
1901 90	– oħrajn:
	– – oħrajn:
1901 90 99	– – – oħrajn
ex 1902	L-għaġejjen, sewwa jekk misjura jew mimlija u sewwa jekk le (bil-laħam jew sustanzi oħra) jew imħejjija xorta oħra bħalma huma l-ispagetti, l-imqarrun, it-taljarini, il-lasanja, in-njokki, ir-ravjul, il-kanelloni; il-kuskus, sewwa jekk imħejji u sewwa jekk le:
	– Il-għaġejjen mhux imsajra, mhux mimlija, jew mhux imħejjija xorta oħra:
1902 19	– – oħrajn
1902 20	– Il-għaġejjen mimlija sewwa jekk imsajra u sewwa jekk le jew imħejjija xorta oħra:
	– – oħrajn:
1902 20 91	– – – Imsajra
1902 20 99	– – – oħrajn

Il-Kodiċi tan-NM	Id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti
1902 30	– għaġejjen oħra
1902 40	– Il-Kuskus:
1902 40 90	– – Oħrajn
1904	Ikel imħejji miksub bl-infiħ jew bix-xiwi taċ-ċereali jew tal-prodotti miċ-ċereali (per eżempju, il-*cornflakes*; iċ-ċereali (għajr il-qamħ ir-rum) fil-għamla ta' qamħ jew fil-għamla ta' taqxir, jew qamħ ieħor maħdum (għajr għad-dqiq u l-qamħ miħun oħxon), imsajjar minn qabel jew imħejji xorta oħra, mhu speċifikat jew inkluż imkien ieħor
1905	Il-ħobż, il-pastiċċerija, il-kejkijiet, il-biskotti/gallettini u oġġetti oħra għall-bejgħ mill-furnara, sewwa jekk ikun fihom il-kawkaw/kokotina u sewwa jekk le; l-ostji tat-tqarbin, il-kaxex vojta tal-kwalità tajba għall-użu farmaċewtiku, l-ostji tas-siġill, il-karta tar-ross u prodotti simili.
1905 10 00	Ħobż iqarmeċ
1905 20	– Il-Ħobż tal-ġinġer u bħal dan
1905 30	– Biskotti/gallettini ħelwin; waffles u wafers
1905 40	– Il-qriemeċ, il-ħobż mixwi u prodotti simili mixwija
1905 90	– Oħrajn:
	– – Oħrajn:
1905 90 40	– – – Il-waffles u l-ostji b'kontenut ta' l-ilma li jaqbeż il-10 % fil-piż
1905 90 45	– – – Il-biskotti/gallettini
1905 90 55	– – – Il-Prodotti magħfusa 'l barra jew minfuħa, l-ikel ta' l-aptit jew immellaħ
1905 90 60	– – – – biż-żieda ta' materjal tal-ħlewwa
1905 90 90	– – – – oħrajn
ex 2004	Ħxejjex oħra ta' l-ikel imħejjija jew ippriservati xorta oħra għajr bil-ħall jew l-aċidu aċetiku, iffriżati, għajr il- prodotti ta' l-intestatura bin-Nru 2006:
2004 10	– Il-Patata:
	– – Oħrajn:
2004 10 91	– – – fil-għamla ta' dqiq, qamħ miħun oħxon, jew taqxir
ex 2005	Ħxejjex oħra ta' l-ikel imħejjija jew ippriservati xorta oħra għajr bil-ħall jew bl–aċidu aċetiku, mhux iffriżati, għajr il-prodotti ta' l-intestatura bin-Nru 2006:
2005 20	– Il-Patata
2005 20 10	– – Fil-għamla ta' dqiq, qamħ miħun oħxon, jew taqxir
2105 00	Il-ġelati u silġ ieħor li jittiekel, sewwa jekk ikun fihom ik-kawkaw/kokotina u sewwaa jekk le
ex 2106	It-tħejjijiet ta' l-ikel li ma huma speċifikati jew inklużi mkien ieħor
2106 90	– Oħrajn:
2106 90 10	– – Il-*fondues* tal-ġobon
	– – Oħrajn:
2106 90 92	– – – Li ma jkun fihom ebda grass tal-ħalib, isoglukosi, glukosi jew lamtu jew li jkunn fihom, skond il-piż, inqas minn 1,5 % grass tal-ħalib jew isoglukosi, 5 % glukosi jew lamtu
2106 90 98	– – – Oħrajn
ex 2202	Tipi ta' ilma, inkluż l-ilma minerali u l-ilma bil-gass, li jkun fihom iz-zokkor jew materji oħra tal-ħlewwa jew tat-togħma miżjudau xorb ieħor mhux alkoliku, li ma jinkludix il-meraq tal-frott jew tal-ħxejjex ta' l-ikel tal-Kodiċi tan-NK bin-Nru 2009
2202 90	– oħrajn
	– – oħrajn, li jikkontjenu skond il-piż ta' xaħam ottenut mill-prodotti ta' kodiċijiet tan-NM 0401 sa 0404:

Il-Kodiċi tan-NM	Id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti
2202 90 91	– – – Inqas minn 0,2 %,
2202 90 95	– – – 0,2 % jew iktar imma inqas minn 2 %
2202 90 99	– – – 2 % jew fuqhom
ex 2208	L-alkol mhux żnaturat ta' l-etil ta' qawwa alkolika skond il-volum ta' inqas minn 80 % vol.; l-ispirti, il-likuri u xorb ieħor spirituż:
2208 70	– Il-likuri u l-kordjali,
2208 90	– Oħrajn:
	– – spirti oħra u xorb ieħor spirituż, f'kontenituri li jesgħu:
	– – – 2 litri jew inqas:
	– – – – oħrajn:
2208 90 69	– – – – – xorb ieħor spirituż
	– – – Iktar minn żewġ litri:
2208 90 78	– – – – xorb ieħor spirituż
ex 3302	Taħlitiet ta' sustanzi li jagħtu r-riħa u taħlitiet (inklużi soluzzjonijiet alkoliċi) b'bażi ta' din is-sustanza jew iktar, tal-kwalità wżati bħala materja prima fl-industrija; tħejjijiet oħra imsejsa fuq sustanzi li jagħtu r-riħa, tal-kwalità wżati għall-fabbrikazzjoni tax-xorb:
3302 10	– ta' kwalità li tintuża fl-industriji ta' l-ikel jew tax-xorb:
	– – ta' kwalità li tintuża fl-industriji tax-xorb:
3302 10 29	– – – – – oħrajn
3501	Il-kaseini, il-kaseinati u d-derivati oħra mill-kaseina; il-kolla tal-kaseina
ex 3502	L-albumini, l-albuminati u d-derivati l-oħra mill-albumina:
3502 20	– L-albumina tal-ħalib, inklużi l-konċentrati ta' żewġ proteini jew iktar tax-xorrox:
	– – Oħrajn:
3502 20 91	– – – imnixxfa (per eżempju f'folji, skalmi, taqxir, trab)
3502 20 99	– – – oħrajn"